GHAQDA MUŻIKALI BELAND



# Sehem il-Banda fl-Ewwel Snin tal-Belt Bylandt (1797-1997)

*Kitba tal-Kan. Joe Abela*

## Iż-Żejtun isir Belt

Mitejn sena ilu, jiġifieri fit-30 ta' Diċembru, 1797, il-Gran Mastru Ferdinando Hompesch għolla liż-Zejtun għad-dinjita' ta' Belt, wara t-talba li saritlu minn Dun Giacomo Tortella, vigarju-kurat tal-parroċċa, f'isem il-kleru u l-poplu taż-Zejtun, nhar il-25 ta' Novembru, 1797, Festa ta' Santa Katarina. Hompesch ta liż-Żejtun it-titlu onorarju ta' "Citta' Bylandt" għal kunjom żitu Isabella, li wara l-mewt bikrija ta' ommu, kienet saret għalih qisha t-tieni omm. Dik is-sena saret festa akbar minn tas-soltu nhar Santa Katerina, għaliex iż-Żwieten riedu jagħtu merħba li kienet tixraq lis-Sultan ta' Malta, li kien qiegħed iżur għall-ewwel darba lir-raħal tagħhom.

## Importanza tal-Manuskritt Nru. 273

Kif wieħed jistenna, l-aħbar tal-għoti tat-titlu ta' Belt ġiet milqugħa b'ferħ kbir miż-Żwieten, aktar u aktar peress li Ħaż-Żabbar, raħal viċin iż-Żejtun, kien diġa' ġie mgħolli mill-istess Gran Mastru għat-titlu ta' Belt ftit ġimgħat qabel. Kemm il-prokuraturi Zwieten kienu kburin bit-titlu ġdid jixhduh il-kitba tagħhom. Hekk, per eżemju, niżżel biss ftit jiem wara, il-prokuratur tas-Sodalita' ta' San Gużepp, f' Jannar, 1798: "Introito di varie limosine ed altro appartenenti la Ven. Sodalita' di S. Giuseppe eretta nella S. Matrice e Parle. della Citta' Biland (sic)
(1). Għalhekk ġew organizzati fiż-Zejtun ċelebrazzjonijiet biex jikkommemoraw din il-ġrajja mportanti fl-Istorja taż-Zejtun. Forsi wieħed jistaqsi, "Imma mnejn nafu x'ġara? Għandna xi tagħrif bil-miktub li jgħidilna x'sar, jekk sar xi ħaġa? " It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hi "iva". Fil-knisja Parrokjali taż-Zejtun jeżisti Arkivju, li jiġbor madwar l-400 manuskritt (kotba jew reġistri miktubin bl-idejn) u li fih minjiera ta informazzjoni dwar il-knisja taż-Zejtun u l-festi tagħha. L-aktar importanti fosthom huma dawk tal-Veneranda Lampada,li fihom id-dħul (introito) u l-ħruġ (esito), kif imniżżla mill-prokuraturi tal-knisja. Mill-"Esito" l-istoriku jsir jaf x'sar, meta sar, minn min, kemm tħallas, ismijiet tal-prokuraturi, etc. Wieħed minn dawn ir-reġistri tal-Veneranda Lampada hu Manuskritt Nru. 273, li hu importanti ferm għall-perijodu li qegħdin nittrattaw f'dan l-istudju. Kitbu fih diversi saċerdoti prokuraturi tal-knisja, iżda aħna sa nibdew b'dak li niżżlu l-prokuraturi Dun Frangisk Tabone u Mattia Zammit.


19.° Gen: 1798. Per tre tozzine di Soffarelli per la festa fatta per ringrazia-
mento d'aver avuto il titolo di Città Byladt questa
terra Zeitun. . . . . . . . . . . . ∇ 3.
Per un Vespero fatto a Musica con Te Deum, e Tantumer-
go con quattro Voci, e pieni di stromenti, dovuti dati
al Maestro di Cappella Pietro Paulo Bugeja scudi venti
quattro, e tari otto . . . . . . . . ∇ 24.
Per un rotolo di porvere, e tre quarti per li mortaletti ∇ 1.

*Dokument li jirreferi għall-festa li saret b'ringrazzjament li ż-Zejtun ġie mogħoti t-titlu ta' "Citta Bylandt".*

## Festi li fakkru t-Titlu ta' Belt

Nhar l-14 ta' Jannar, 1798, eżattament ġimgħatejn wara l-għoti tat-titlu ta' Belt liż-Zejtun il-prokuraturi niżżlu: "Per tre tozzine di Soffarelli per la festa per ringrazziamento d'aver avuto il titolo di Citta' Byladt (sic) questa terra Zeitun .... scudi 3"

*... Ikompli f'pagna 49*




Pittura allegorika li tinsab fis-sala ewlenija tal-Każin Beland li turi lill-Granmastru Hompesch jippreżenta d-dokument li bih għolla liż-Żejtun għad-dinjita' ta' Belt lill-Kappillan Dun G.M. Tortella. Din il-pittura hi xogħol il-pittur Paul Camilleri Cauchi u ġiet irregalata mis-Sur Mose' Cassar.

# GHAQDA MUŻIKALI BELAND

... *Ikompli minn pagna 47*

(2). Hawn għandna ndikazzjoni ċara li saret festa, li kienet ukoll tinkludi xi logħob tan-nar, bħala ringrazzjament għall-ġieħ li ġie mogħti liż-Żejtun. Ftit aktar 'l isfel il-prokuraturi jgħidu kemm nefqu "Per un rotolo di polvere (sic) e tre quarti per li mortaletti". mela nafu wkoll kemm qamu il-polvri u l-murtaletti! Fl-istess kuntest naqraw x'ħallsu l-prokuraturi (aktar minn 24 skud, li ma kenitx somma żgħira) għall-mużika tal-Vespri, Te Deum u Tantum Ergo "con quattro voci e pieni di strumenti" (sic), lill-maestro di Cappella taż-Żejtun, Pietro Paolo Buġeja. Veru li ħdejn dan in-notament ma tissemmiex il-Festa tat-Titlu, iżda hu mniżżel mill-ewwel taħt l-informazzjoni ta' qabel u sar fl-istess ġurnata. Kienet teżisti xi forma ta' banda fiż-Żejtun, jew x'imkien ieħor f'Malta,li ħadet sehem f'din il-festa?

## Banda nhar il-Festa tal-1801 u Wara

S' issa l-aktar indikazzjoni qadima dwar is-sehem ta' banda fiż-Żejtun li sibt jien, tirreferi għall-Festa ta' Santa Katarina tas-sena 1801, jiġifieri biss erba' snin wara l-għoti tat-Titlu ta' Città' Bylandt. Ma rridux ninsew li bejn l-1798 u l-1800 ma setgħux isiru festi mill-Maltin minħabba r-rewwixta kontra l-Franċiżi. Kien żmien ta' traġedji kbar, li fih eluf ta' Maltin tilfu ħajjithom fil-ġlied ma' l-għadu jew bil-mard u l-ġuħ li kien hawn. Fit-28 ta' Novembru, 1801, il-prokuratur tal-Festa kien Dun Vincenzo Borġ. Fl-istess manuskritt (3), il-prokuratur niżżel li ħallas 10 skudi "per una Banda per la processione" ta' Santa Katarina, u s-sena ta' wara (1802), ħallas 7 skudi "Per banda di strumenti da fiato". Interessanti l-espressjoni "per la processione". Probabbli li tfisser li l-banda kienet tikkumpanja fil-purċissjoni. Dun Vincens ukoll għamilha ċara li l-banda ma kienetx tikkonsisti fi strumenti tal-korda, iżda fi strumenti tan-nifs. Barra minn hekk, il-ħlas li għamel għall-mużika fil-knisja nhar il-Festa ta' Santa Katarina hu mniżżel f'post ieħor. F'Novembru 1803, il-prokuratur ħallas 19 il-skud "pagati per la banda della vigilia e festivita' di S. Caterina" (4). Mela hawnhekk għandna nformazzjoni ġdida: li din il-banda daqqet, mhux biss nhar il-Festa, iżda lejlietha wkoll. Is-somma pjuttost għolja ta' 19 il-skud tkompli tikkomfermalna kemm hu veru li fis-sena 1803 il-banda tat żewġ servizzi konnessi mal-Festa ta' Santa Katarina. Tgħid f'dik is-sena il-banda imxiet fil-purċissjoni? (5)

## Banda qabel l-1860

Inħallu issa s-snin igerrbu. F'manuskritt ieħor tal-Veneranda Lampada taż-Żejtun, insibu mniżżel il-ħlas li l-prokuratur għamel lil "Michelangelo Spiteri incaricato per li fuochi artificiali in sussidio (?) della banda" (6) għall- Festa tal-1855. Il-ħlas sar nhar it-28 ta' Novembru. U fid-9 ta' Diċembru, 1857, il-prokuratur mill-ġdid ħallas lil "Michelangelo Spiteri scudi dieci per saldi di fuochi artificiali e della banda" (7). Mela għandna xhieda indiskutibbli li xi forma ta' banda f'xi snin, jekk mhux kull sena, ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Katarina fiż-Żejtun ħafna snin qabel it-twaqqif uffiċjali tal-Banda Beland, li skond ma nafu ma sarx qabel l-1860 (8). Kienet allura din xi banda Żejtunija, jew kienet tinkera minn xi mkien ieħor? Ma nagħmlux mod li kienet hi li aktar tard żviluppat fil-Banda Beland?


Pagati per la banda della vigilia, e festività di S. Catarina . . . . . . 19:..

*Festa ta' Santa Katarina, 1803. Il-Banda daqqet lejliet u nhar il-festa.*

Mhux faċli li twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, għaliex it-tagħrif li għandna hu skars wisq. Biss għall-inqas issa nafu fiċ-ċert li xi banda ilha tagħti sehem fil-Festa ta' Santa Katarina għal mhux anqas minn mitejn sena. Jista' jkun li din il-banda kienet tikkonsisti fi grupp ta' mużiċisti li kienu jinkrew biex jallegraw f'okkazjonijiet partikulari (9). Qabel nofs is-seklu dsatax organizazzjoni serja u preċiża ta' każini ma kienx hawn. Kienet x'kienet il-forma ta' din il-banda, ma jidhirx li l-mużika fil-festa kienet titħalla għal ġewwa l-knisja biss. Forsi 'l quddiem għad niskopru aktar tagħrif fuq dan is-suġġett.

***(1) Arkivju Parrokkjali Żejtun, Mn.73, f.6.***
***(2) AKZ, Mn.273, f.150.***
***(3) Idem, f.160.***
***(4) Idem, f.167.***
***(5) Nafu li almenu sas-sena 1804, żewġ baned akkumpanjaw fil-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt, fil-Birgu. Ara Joseph S. Grima, p.IX, Introd, "L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex", Vol.I (1997).***
***(6) APZ, Mn.91, f.176.***
***(7) Idem, f.203.***
***(8) Charles Debono, "Istorja ... opus cit. "Il-Banda Beland". p.186.***
***(9) Joseph F. Grima, Itrod. p.X.***